KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 326**

**It-Tnejn 26 ta' Settembru 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi fis-7.00 p.m, b'din l-aġenda:

1. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar laqgħa;
2. Punti li jirriżultaw mill-minuti tal-aħħar laqgħa;
3. Korrispondenza;
4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku;
5. Triq Mons. Mikiel Azzoppardi;
6. Triq it-Tank;
7. Kuntratti fosthom tal-Bulky Refuse;
8. Proposti ta' żvilupp fiż-żona tad-Dar tal-Providenza;
9. Approvazzjoni ta' pagamenti;
10. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju dwar it-tieni kwart tas-sena 2016;
11. Ħwejjeġ oħra; u
12. Aġġornament.

Is-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippreseda.

## PREŻENTI

Is-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier, Il-Perit Julian Borg
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Clayton Cutajar

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Keith Galea.

## TALBA

Is-Sindku flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA

Is-Sindku ippropona li l-minuti tal-laqgħa numru 325 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA

Ma kien hemm l-ebda punti li jirriżultaw mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

Is-Sindku qal li rċieva talba mingħand kumpanija privata biex fis-Siġġiewi jiġi installat unit fejn fih ir-residenti jkunu jistgħu jitfgħu il-ħwejjeġ għar-riċiklaġġ. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta din it-talba u li l-post għandu jkun viċin l-Iskola Primarja tas-Siġġiewi wara diskussjonijiet li jsiru mat-tmexxija tal-Iskola.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4. TRIQ MONS. MIKIEL AZZOPPARDI

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li l-konsulent Bjorn Bonello kien ikkonkluda l-istudju tiegħu dwar il-bżonn li tiġi installata *two-way speed camera* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Huwa spjega li l-istudju kien ikkonkluda li l-kriterji kollha stabbiliti sabiex tiġi installata *two-way speed camera* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi intlaħħqu u li għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jaċċetta l-konklużjonijiet ta' dan l-istudju u jgħaddih lill-Aġenzija LESA biex eventwalment jgħaddi lil Transport Malta.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li fil-jiem li ġejjin il-kuntrattur tal-Kunsill kien ser jagħmel linja bajda kontinwa f'nofs Triq Mons. Mikiel Azzopardi u li b'effett minn nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2016, Triq Kircher kien ser issir *one-way* biex b'hekk ma jsirx ħruġ minnha għal Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

## 5. TRIQ IT-TANK

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien kiteb lir-residenti taz-zona ta' Triq it-Tank sabiex permezz ta' petizzjoni jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Kunsill dwar l-esproprjazzjoni ta' art biex Triq it-Tank tibqa' aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-Kunsill qabel li l-Awtoritaijiet kompetenti għandhom jiżguraw li Triq it-Tank fil-parti li tmiss ma' Triq Ġużeppi Busuttil tibqa' miftuħa għall-użu pubbliku billi ssir l-esproprjazzjoni meħtieġa għal dan il-għan u jsir il-ħlas dovut lis-sidien.

## 6. KUNTRATT TAL-BULKY REFUSE

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew għall-għarrieda kien miet is-Sur Daniel Cutajar li huwa l-persuna li f'isem il-Kunsill toffri s-servizz ta' *bulky refuse*. Huwa spjega li peress li l-mewt tas-Sur Cutajar nzertat seħħet fil-jum li matulu jinġabar dan it-tip ta' skart, il-Kunsill kien qabbad lis-Sur Mario Mizzi biex iwettaq

l-istess xogħol b'emerġenza. Is-Sur Mario Mizzi tqabbad wara li l-istima li d-Dipartiment għall-indafa publika bagħat biex ikun jista' joffri s-servizz kienet tlaħħaq mas-€600.00.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-familjari tal-kuntrattur biex ikun magħruf għandhomx il-ħsieb li jkomplu joffru s-servizz bħala l-eredi. Il-Kunsill qabel li f'każ li dan ma jkunx il-każ għandha tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida. Il-Kunsill qabel ukoll li matul il-ġimgħat li ġejjin għandu jitqabbad kuntrattur ieħor biex is-servizz jibqa' jiġi offrut lir-residenti b'mod kontinwu.

## 7. PROPOSTI TA' ŻVILLUPP FIŻ-ŻONA TAD-DAR TAL-PROVIDENZA

Is-Sindku qal li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet irċeviet applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 05398/16 deskritta mill-applikant bħala "*Construction of farmhouse, in view of farmhouse demolished to make way for Triq ta Ghar Lapsi. Old farmhouse visible in 1967 survey sheets.*"

Is-Sindku spjega li huwa kien qed iressaq mozzjoni biex il-Kunsill joġġezzjona għal din l-applikazzjoni għar-raġunijiet imfissra fl-istess mozzjoni.

### MOZZJONI DWAR ŻVILUPP PROPOST VIĊIN ID-DAR TAL-PROVIDENZA FIS-SIĠĠIEWI

Illi l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 05398/16 deskritta mill-applikant bħala "*Construction of farmhouse, in view of farmhouse demolished to make way for Triq ta Ghar Lapsi. Old farmhouse visible in 1967 survey sheets*" f'sit indikat bħala mill-applikant bħala Ta' Bennieri fi Triq ta' Għar Lapsi, fil-limiti tas-Siġġiewi;

Illi fil-preżent l-imsemmija art agrikola u verġni ma tinkludi fiha l-ebda forma ta' bini;

Illi l-imsemmija art agrikola u verġni tinsab eżatti faċċata tad-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi;

Illi l-imsemmija applikazzjoni hija għall-bini ta' villa bi spazju kbir għall-parkeġġ ta' vetturi kif ukoll swimming pool kbira u pavimentar estensiv, liema żvilupp huwa propost li jsir fuq art agrikola u verġni;

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2016:

1. Jirriżolvi li joġġezzjona mal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-iżvilupp propost fl-applikazzjonijiet li għandha n-numru ta' referenza PA 05398/16 deskritta mill-applikant bħala "*Construction of farmhouse, in view of farmhouse demolished to make way for Triq ta Ghar Lapsi. Old farmhouse visible in 1967 survey sheets*" f'sit indikat bħala mill-applikant bħala Ta' Bennieri fi Triq ta' Għar Lapsi, fil-limiti tas-Siġġiewi, liema sit jinsab eżatti faċċata tad-Dar tal-Providenza għal dawn ir-raġunijiet:

2. L-iżvilupp propost huwa inkompattibbli mal-ambjent rurali tas-sit u tal-madwar billi ser jeqred art verġni biex minflokha tinbena villa bi spazju kbir għall-

parkeġġ ta' vetturi kif ukoll swimming pool u pavimentar estensiv, liema żvilupp m'għandu x'jaqsam xejn mal-użu preżenti għal skopijiet agrikoli;

3. L-iżvilupp propost ser ikollu impatt negattiv fuq id-Dar tal-Providenza u r-residenti tagħha billi ser jeqred art agrikola verġni li tinsab viċin ħafna tagħha u li hija meħtieġa biex l-istess Dar tibqa' toffri ambjent ta' serenità u kwiet;

4. Li ma teżisti l-ebda raġuni valida biex l-Awtorità tal-Ippjanar taċċetta li dan l-iżvilupp jitħalla jsir fuq art agrikola verġni u m'għandhomx jintużaw *policies* eżistenti maħruġa mill-istess Awtorità sabiex b'xi mod tiġġustifika l-iżvilupp propost.

Jirriżolvi li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa kontra l-imsemmi żvilupp propost, inkluż iżda mhux biss, billi jagħmel rappreżentazzjonijiet ulterjuri, jippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u jadotta kwalunkwe proċedura oħra li tipprovdi l-liġi f'każ li l-applikazzjoni tiġi aċċettata u jinħareġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Jirriżolvi li pubblikament mill-ġdid jappella sabiex fiz-zona tad-Dar tal-Providenza ma jitħalla jsir l-ebda żvilupp li jkun ta' detriment għad-Dar tal-Providenza u r-residenti tagħha;

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tiġi ppubblikata bħal stqarrija għall-mezzi tax-xandir, tintbagħat lill-Awtorità tal-Ippjanar, lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent, lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza Fr Martin Micallef u lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi.

Il-Kunsilliera Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 8. FINANZI – APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif ippreżentati.

Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit issekondat u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 9. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU DWAR IT-TIENI KWART TAS-SENA 2016

Is-Segretarju Eżekkuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju dwar it-tieni kwart tas-sena 2016 liema rapport tħejja mill-awdituri tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li dan ir-rapport jiġi approvat. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva r-rapport b'vot unanimu.

## 10. ĦWEJJEĠ OĦRA:

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li matul il-jiem li għaddew kien iltaqa' s-sotto kumitat li jmexxi hu u li qed jipproponu li ssir *clean up campaign* li matulha jkunu involuti l-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressaq ilment biex issir *platform* biswit il-*bus stop* fi Triq Santa Margerita. Is-Sindku qal li matul il-jiem li għaddew kien ipprova jsib kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 11. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.30 p.m. u ippropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2016 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**L-Avukat Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Keith Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**

Ikkonfermati llum it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2016.